MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 26/2006/1

**Hasan Hasan u martu Ramona nee` Vassallo**

**v.**

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Permezz ta' rikors presentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' April 2006, ir-rikorrenti Hasan Hasan u Ramona Vassallo fissru li huma zzewgu Malta u li kienu "ilhom jghixu hawn miz-zwieg taghhom". Huma qalu li ftit qabel ma pprezentaw l-imsemmi rikors l-Ufficjal Principali ghall-Immigrazzjoni kien baghat ghalihom u waqt li qieghdhom fi kmamar distinti (i.e. separati) poggihom taht interrogatorju u sarulhom mistoqsijiet fuq il-hajja privata taghhom (ghalkemm mhux fuq il-hajja intima). Wara dan l-interrogatorju, l-imsemmi Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ddecieda li jhassar il-*freedom of movement* li l-imsemmi Hasan Hasan kellu bhala ragel ta' mara Maltija. Skond ir-rikorrenti – illum appellanti – din it-tnehhija "tad-dritt maghruf bhala il-*freedom of movement*" jikkrea dannu konsiderevoli lill-familja tar-rikorrenti peress li r-ragel ikun qieghed biss f'Malta fuq visa, li tista' tigi koncessa u tista' ma tigix mtawwla, barra konsegwenzi fuq ix-xoghol u l-qligh tal-familja. Huma komplew fissru li l-intimat gie mgharraf li l-agir tieghu huwa vjolazzjoni ta' diversi disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea, izda huwa xorta baqa' ma rreintegrax lil Hasan Hasan "fid-dritt li kellu ta' *freedom of movement* li ttiehed b'mod illegali". Ir-rikorrenti fl-ewwel lok ilmentaw li l-agir tal-intimat waqt l-interrogatorju jammonta ghal trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u li l-istess trattament u t-tnehhija tal-*freedom of movement* jammonta ghal ksur tal-Artikolu 8 (dritt ghall-hajja privata u tal-familja), waqt li t-tnehhija tal-*freedom of movement* jammonta wkoll ghal ksur tal-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni. Premess dan kollu, r-rikorrenti talbu lill-Prim Awla (1) tiddikjara illi bl-agir tieghu l-Uffichal Principali tal-Immigrazzjoni wettaq vjolazzjoni fil-konfront taghhom tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-istess, (2) tiddikjara bhala nulla u bla effet it-thassir tal-*freedom of movement* fuq il-passaport tar-rikorrent Hasan Hasan, u (3) taghti kull provvediment iehor bhala rimedju, inkluzi danni.

**2.** L-intimat Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, fir-risposta tieghu ghal dan ir-rikors, fisser illi l-agir tieghu ma kienx jammonta ghal trattament inuman jew degradanti. Dwar l-Artikolu 8 spjega illi f'dan il-kaz bejn ir-rikorrenti ma kien

hemm ebda "family life" u allura ma seta jkun hemm ebda vjolazzjoni ta' din id-disposizzjoni; filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll spjega li t-thassir tal-*freedom of movement* ta' Hasan Hasan saret skond il-ligi. Fl-ahhar nett fisser li anqas ma kien hemm xi danni li ghalihom seta' kien responsabbli stante li hu ma kiser ebda dritt jew drittijiet tar-rikorrenti.

**4.** Din il-Qorti tosserva li ghalkemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-8 ta' Mejju 2006 u f'dik l-udjenza l-avukat tar-rikorrenti, Dott. Joseph Brincat, talab li jippresenta l-affidavits tal-klienti tieghu – talba li ma gietx opposta mill-kontroparti Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni – sal-31 ta' Ottubru 2006 dawn l-affidavits baqghu ma gewx ezibiti (ara l-verbali tal-udjenzi tas-26 ta' Gunju 2006 u 31 ta' Ottubru 2006, fejn dejjem intalab estensjoni tat-terminu ghall-presentata ta' dawn l-affidavits). Dawn l-affidavits baqghu ma gewx. In fatti ir-rikorrenti ddeponew fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2007.

**5.** Mill-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti – li, ghandu jinghad, jikkonsistu biss fid-deposizjonijiet (ferm qosra) taz-zewg rikorrenti[1], tal-Ispettur Sandro Zarb[2] u tas-Sur Treeby Ward[3] jirrizulta li r-rikorrenti zzewgu hawn Malta f'xi zmien f'Gunju tal-1998. F'xi zmien Hasan Hasan applika ghac-cittadinanza Maltija, izda din giet rifjutata. Fil-kors tal-indagini maghmula mill-intimat Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni in konnessjoni ma' din l-applikazzjoni ghac-cittadinanza rrizulta lill-istess intimat li fil-fatt, ghalkemm ufficjalment ir-rikorrenti kienu "mizzewgin", huma fil-fatt kienu prattikament qed jghixu ghal rashom, cioe` kien hemm separazzjoni *de facto*. Ghalhekk thassarlu minn fuq il-passaport tieghu il-*freedom of movement* skond il-ligi Maltija billi hu ma kienx

[1] Hasan Hasan iddepona fid-29 ta' Jannar 2007, u d-deposizzjoni tieghu tinsab a fol. 22 u 23 tal-atti; fl-istess gurnata ddeponiet Ramona Vassallo, u d-deposizzjoni taghha tinsab a fol.24.
[2] Fol. 29 sa 34.
[3] Fol. 40 sa 24.

jikkwalifika aktar bhala *exempt person* skond l-Artikolu 4(1)(g)[4] tal-Kap. 217.

**Is-sentenza tal-ewwel Qorti**

**6.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti b'sentenza moghtija fl-20 ta' April 2009. Hija waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

**"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***"D1. Allegat ksur ta' l-artikolu 3 tal-Kap 319:***

"Dan l-artikolu jghid hekk:

""Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti".

"Fir-rikors tieghu r-rikorrent jghid: *'Illi l-agir ta' l-intimat fl-ewwel lok, waqt l-interrogatorju lamentat, jammonta ghal trattament inuman jew degradanti bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).'*

"Illi ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tezamina jekk il-fatti tal-kaz iwasslux ghal ksur ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Irrizulta li r-rikorrenti gew interrogati separatament u li din l-interrogazzjoni damet xi nofs siegha. Ma jirrizultax li sar ebda tweghid. L-interrogazzjoni saret fl-ufficcju tal-pulizija u saru domandi anke fuq il-hajja privata tar-rikorrenti. Fin-nota tieghu l-intimat jghid hekk: "Kif josserva l-awtur **Facett, The Application of the European Convention on Human Rigts, Ediz 1987, pagna 42:** 'Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence'.

[4] Art. 4(1)(g): "Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' dan l-Att ma japplikawx ghal kull persuna – (g) li tkun il-konjugi ta' persuna msemmija f'wiehed mill-paragrafi ta' qabel dan u tkun ghadha mizzewga <u>u tghix</u> ma' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Skond Paul Sieghart, The International Law of Human Rights, ediz 1983, pagna 167: 'In Denmark et al v. Greece E.U.C.M (European Commission of Human Rights) stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatments as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable'.

"L-istess awtur ikompli jghid li: *'Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of the minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (**Ireland v. United Kingdom** (53-10-71) judgment, 2EHRR 25'.*

"Ma jirrizultax lill-Qorti li kien hemm xi *severe suffering* li kien mhux gustifikat. Anqas xi agir umiljanti fil-konfront taghhom. Anqas ma irrizulta li huma gew imgieghla jaghmlu xi haga kontra l-morali jew il-kuxjenza taghhom. Anqas ma irrizulta li d-dinjita` tar-rikorrenti bhala bnedmin giet menomata b'xi mod serju. Ma jidhirx li kien hemm xi dewmien specjali jew gustifikazzjoni ta' biza' jew umiljazzjoni, jew affetwatlux il-personalita` tieghu. Biex jinkiser il-provvediment ta' l-artikolu 3 tal-Kap 319 l-agir irid ikun tali li jmur oltre t-trattament legali jew piena (**Ramirez Sanchez vs France**, deciza fl-4 ta' Lulju 2006, paragrafi 118 u 119). Huwa naturali li hadd ma jiehu gost jigi interrogat u anqas b'xi mod sorveljat minn awtorita`. Jekk wiehed jigbed l-argument, hadd ma jiehu gost li pulizija tat-traffiku jghid lil sewwieq biex jieqaf u jersaq fil-gemb tat-triq halli jaghmillu citazzjoni; hadd ma jiehu gost li meta jkun qieghed l-*airport* ghaddej mill-magna ta' kontroll jigi ezaminat ulterjorment, izda meta dawn jirtu biss forom fejn ma tigix milquta d-dinjita` personali jew il-morali jew agir kontra l-kuxjenza ta' l-individwu, dawn b'ebda mod ma jistghu jigu meqjusa li persuna qed tigi assoggettata ghal tortura jew trattament inuman jew degradanti. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet

**Antonio Pace vs Ministru tad-Djar u Artijiet et**, deciza fis-17 ta' Ottubru 1988.

"L-istess principji gew applikati wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija, Direttur tal-Habs u Avukat Generali** deciza fid-19 ta' Frar 2008. Ara wkoll Prim'Awla sede Kostituzzjonali, **Ian Xuereb vs L-Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fl-14 ta' Dicembru 2007.

"Kif qal l-intimat fin-nota tieghu, "mill-process ma irrizultax:- (a) Li fil-mument tat-trattament u cioe` meta kienet qed issir l-interrogazzjoni intuzat xi forza r-rikorrenti biex l-esponenti akkwistaw r-risposti ghad-domandi imposti lilhom; (b) Li d-domandi imposti kienu ta' natura personali li setghu jimbarazzaw, jumiljaw jew ipoggu lir-rikorrenti f'diffikulta` biex jirrisponduhom; (c) L-element ta' premeditazzjoni mehtieg skond il-gurisprudenza Ewropea; (d) Il-livell ta' sofferenza, kemm fizika kif ukoll mentali, li huwa mehtieg fil-mument ta' l-interrogazzjoni, element ghal darb'ohra necessarju sabiex jissussisti ksur ta' dan l-artikolu skond kif tezigi l-gurisprudenza Ewropea u Maltija."

"Ghalhekk il-Qorti ma ssibx ksur ta' l-artikolu 3 tal-Kap 319.

***<u>"D2. Ksur ta' l-artikolu 8 tal-Kap 319:</u>***

"Dan l-artikolu jghid hekk:

""(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.

"(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor".

“Dan huwa artikolu ferm importanti u essenzjali li jigi rispettat.

“Ir-rikorent Hasan sostna li t-tnehhija tal-*freedom of movement* minn fuq il-passaport ta’ Hasan jammonta ghal ksur ta’ l-artikolu 8 tal-Kap 319. Ir-rikorrent jinsisti li hemm id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata ta’ l-individwu u tal-familja tieghu u ta’ daru u li m’ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju tad-dritt imsemmi fl-ewwel sub-paragrafu hlief ghall-eccezzjonijiet hemmhekk indikati. L-Istat ghandu l-obbligu li jirrispetta l-hajja privata u tal-familja tieghu. Ir-rikorrent irrefera li l-kuncett tal-familja mhux necessarjament jirreferi ghal familja tradizzjonali, izda jinkludi wkoll il-kuncett ta’ tnejn min-nies li bi hsiebhom jizzewgu jew li jikko-abitaw flimkien ghal zmien konsiderevoli (**Abdulaziz vs United Kingdom**).

“Ir-rikorrent irrefera wkoll ghall-kaz ta’ **Dickson vs UK** tal-Qorti Ewropeja, ta’ l-4 ta’ Dicembru 2007 fejn jinghad li:

““The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against aribtrary interference by the public authorities …”

“A bazi ta’ dan u ta’ l-imsemmija sentenza r-rikorrent isostni li ghandu jkun hemm mhux biss nuqqas ta’ interferenza fil-hajja privata izda wkoll “*positive obligations inherent in an effective respect for private and family life*”.

“Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kaz ta’ **Tysiac vs Poland** ta’ l-24 ta’ Settembru 2007 li jaghmilha cara li kull interferenza trid tkun gustifikata skond it-tieni paragrafu. Huwa ovvju li kull Stat ghandu dritt li jikkontrolla d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija tal-persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu (**Moustaquim vs Belgium**, 1991 – ara wkoll *Van Dijk u Van Hoof: Theory and practice of the European Convention on Human Rights*). Naturalment dan id-dritt ta’ l-iStat irid jittiehed fid-dawl tal-hajja privata, u hawnhekk wiehed irid jara jekk tezistix hajja familjari li haqqha l-protezzjoni u jekk l-interferenza hix gustifikata

(ara **Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fl-4 ta' Ottubu 2004).

"L-awturi **DJ Harris, M O'Boyle u C Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights**, pagna 313, josservaw illi: "*It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*".

"Infatti fil-kaz ta' **Abdulaziz, Cabalas[5] and Balkandali vs UK, 28 ta' Mejju 1985**, il-Qorti irriteniet illi l-artikolu 8 ma jipprotegix id-dritt ta' individwu li joqghod fi Stat partikolari izda:*"The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country".*

"Issa fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma ippruvawx fil-kors tal-kawza *a long and well established family life* gewwa Malta. Infatti ma irrizultax li r-rikorrenti jghixu flimkien, tant li fir-residenza tar-rikorrent Hasan Hasan ma nstab ebda indument femminili.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahimm vs Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u ta' l-Intern et**, din il-Qorti kif presjeduta, fit-28 ta' Frar 2007 qalet: "Il-fatt li r-rikorrent kellu tifla minn relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara b'ebda mod ma jwassal ghal xi dritt tar-rikorrenti biex hu jakkwista c-cittadinanza Maltija. *Family life* kif stabbilita fl-artikolu 8 ma tigix bazata fuq il-fatt li bniedem ikollu tarbija u ma jintitolahx ghal dritt ta' cittadinanza. Il-fatt li huwa jghix ma' mara Bulgara f'Malta u kellu tifla minnha certament ma jwassalx ghad-dritt tac-cittadinanza bazat fuq hajja familjari. Jista' wkoll jistabbilixxi l-*family life* tieghu f'pajjiz iehor. Ara f'dan ir-rigward **Samir El Yeferni v L-Onor. Prim Ministru et**

---

[5] Recte: Cabales – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

deciza mill-Onor. Qorti Civili (Sede kostituzzjonali) fit-28 ta' Gunju 2005."

"Ukoll, din il-Qorti kif presjeduta, fit-18 ta' Gunju 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Monchef Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija**, qalet: "Illi l-iskop tal-artikolu 8 tal-Kap 319 huwa l-protezzjoni tal-individwu minn azzjoni arbitrarja tal-awtoritajiet pubblici – Ara "**Gul vs Switzerland**" 19/2/96. Tarbija mwielda fi zwieg hija '*ipso jure*' parti minn dik ir-relazzjoni u mill-mument tat-twelid tezisti rabta bejnu w l-genituri tieghu li jammontaw ghar-rabta ta' "*family life*" – ara **Berrehab vs Netherlands** 21/6/88, u **Hokkanen vs Finland** 23/9/94. Importanti wkoll li wiehed jiftakar li Stat ghandu d-dritt jikkontrolla d-dhul ta' persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu – ara **Abdulaziz et vs United Kingdom** 28/5/85. L-artikolu 8 ma jistax jigi interpretat b'mod li jaghti lill-koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn kien hemm residenza matrimonjali b'mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta' dak l-istat [**Gul vs Switzerland**]. Dan hu wkoll dipendenti fuq it-tip ta' permess li rikorrent jkollu biex joqghod f'pajjiz – e.g. *residence permit on humanitarian grounds, temporary permit*."

"F'din l-istess kawza, deciza wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001, intqal: "Fi kliem iehor, din il-Qorti tqis li jezisti kemm id-dritt ghal hekk imsejha family life, kif ukoll id-dritt ta' l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta' nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga` fit-territorju tieghu. Mill-banda l-ohra, mhux kull interferenza tal-*family life* da parti ta' l-Istat hija vjetata ghaliex jista' jissussistu cirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli."

"Minhabba dan il-Qorti m'hi qed issib ebda vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk din it-talba tar-rikorrenti bazata fuq l-artikolu 8 tal-Kap 319 qed tigi michuda.

***"D3. L-artikolu 2 tar-Raba' Protokol anness mal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem:***

“Dan l-artikolu jghid hekk:

““(1) Kull min ikun b’mod legittimu fil-limiti tat-territorju ta’ xi Stat ghandu, fil-limiti ta’ dak it-territorju, ikollu d-dritt ghal-liberta` ta’ movement u l-liberta` li jaghzel ir-residenza tieghu.

“(3) Ma ghandhom jittiehdu ebda restrizzjonijiet fuq l-esercizzju ta’ dawn id-drittijiet hlief dawk li jkunu skond il-ligi u li jkunu mehtiega f’socjeta` demokratika f’kull interess tas-sigurta` nazzjonali jew tas-sigurta` pubblika, ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku, ghall-prevenzjoni ta’ reati, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghal protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta’ l-ohrajn”.

“Il-Qorti tosserva li minn dak li jirrizulta hawn fuq, it-thassir tal-*freedom of movement* moghti lir-rikorrenti sar a tenur tal-ligi. Dan gie dettaljatament spjegat taht il-paragrafu “D2” hawn fuq. Ghalhekk huwa naturali li ma sar ebda ksur tad-Drittijiet tar-rikorrenti taht l-artikolu 2 tar-Raba’ Protokol. Il-Qorti tichad it-talba biex tiddikjara null u bla effett it-thassir tal-*freedom of movement* fuq il-passaport tar-rikorrenti Hasan Hasan.

***<u>“D4. Rimedji ohra inkluz danni sofferti mir-rikorrenti:</u>***

“Ir-rikorrenti talbu wkoll li din il-Qorti taghti kull rimedju iehor, inkluz danni sofferti mir-rikorrenti kawza tal-vjolazzjonijiet lamentati. Din il-Qorti ma sabet ebda vjolazzjoni fl-agir ta’ l-intimat u per konsegwenza t-talba ghal danni ma tistax issegwi, u qieghedha wkoll tigi michuda.”

**<u>Rikors ta’ appell tar-rikorrenti</u>**

**7.** B’rikors presentat fit-8 ta’ Mejju 2009, Hasan Hasan u Ramona Vassallo appellaw mis-sentenza hawn fuq riportata in parte. Huma jikkontendu bazikament (i) li t-trattament inuman u degradanti jirrisulta mill-fatt li bit-tnehhija tal-*freedom of movement* l-imsemmi Hasan Hasan ma jkunx jista’ jahdem f’Malta u jidhol u johrog

liberament minn Malta fejn ghandu l-mara tieghu b'mod li z-zwieg taghhom isir wiehed aleatorju u "jiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jekk johrogx jew igedditx il-visa"; (2) dwar l-ilment taht l-Artikolu 8, jghidu li l-ewwel Qorti ma tatx kont tal-interpretazzjoni tal-espressjoni "family life" fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jillanja li bhalma Malti ghandu dritt izomm lil martu barranija f'Malta, daqstant iehor mara Maltija ghandha dritt izzomm zewgha barrani f'Malta; (3) dwar l-ilment ta' ksur tal-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll, l-eppellanti jilmentaw li Hasan Hasan ma dahalx Malta klandestinament u ghalhekk ghandu d-dritt li jkollu l-liberta` tal-moviment f'Malta u li jaghzel ir-residenza tieghu u li joqghod f'Malta konformement ma' l-imsemmija disposizzjoni ta' dan ir-Raba' Protokoll.

**8.** Fir-risposta tieghu, l-intimat appellat, Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, fisser ir-ragunijiet ghala s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet korretta u kienet ghalhekk timmerita konferma.

**9.** Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti r-rikorrenti ghamlu referenza specifika ghas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg tat-23 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet **Maslov v. Austria** kif ukoll ghad-direttiva 2003/109/EC li tissemma' fl-imsemmija sentenza ta' **Maslov**. Min-naha tieghu, l-appellat ezibixxa kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, deciza fit-28 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet **Monchef Choubene v. Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali** (li ghaliha ghamlet referenza anke l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ara *supra*).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**10.** Din il-Qorti ma tezitax tikkwalifika dana l-appell bhala wiehed fieragh. Dan qed jinghad mhux biss ghax minn dak allegat – ghal dak li jirreferi ghal "family life" (jew anke, jekk wiehed irid imur oltre u jitkellem dwar "private life") u ghal "trattament inuman u degradanti" – ma gie ppruvat assolutament xejn, izda anke ghax il-kwistjoni kollha f'dan il-kaz ma timportax neccessarjament, kif donnu qed jippretendu rikorrenti, tkeccija ta' Hasan Hasan

minn Malta (fil-fatt ma jirrizultax li dan qatt "tkecca" minn Malta[6]), izda semplicement li, bit-tnehhija tal-*freedom of movement* minn fuq il-passaport tieghu minhabba li rrizulta li ma baqax jikkwalifika ghaliha, l-istess Hasan Hasan irid issa japplika ghal visa.

**11.** Kif diga` accennat fil-paragrafu **5**, *supra*, mill-provi jirrizulta sodisfacentement pruvat li ghalkemm bejn Hasan Hasan u Ramona Vassallo hemm "zwieg" – u ma hemm ebda proceduri ghal separazzjoni jew annullament pendenti – fil-fatt dawn, fiz-zmien immedjatament precedenti r-rikors promotorju, ma kienux qed jghixu fl-imkien ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 4(1)(g) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 (ara nota *in calce* nru 4, *supra*), bil-konsegwenza li l-imsemmi Hasan Hasan ma baqax jikkwalifika bhala "exempt person". Dan il-fatt, cioe` li kien hemm separazzjoni *de facto*, stabbilit mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u kif kjarament jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur Sandro Zarb, mhux biss ma giex ribattut b'mod serju f'dawn il-proceduri mir-rikorrenti, illum appellanti, izda anqas jirrizulta li, wara li tnehha l-*freedom of movement* mill-passaport tieghu l-imsemmi Hasan Hasan beda xi proceduri ghal stharrig gudizzjarju biex jikkontesta dik id-decizjoni amministrattiva. Anqas ma jirrizulta mill-provi migjuba f'din il-kawza li bejn ir-rikorrenti jista' jinghad li kien hemm xi "family life", jew li Hasan Hasan stabilixxa ruhhu tant fil-kommunita` Maltija li wiehed jista' jghid li hemm il-kuncett aktar wiesa' ta' "private life" li jista', possibilment, ikun hemm interferenza mieghu jekk huwa, xi darba, ma jinghatax visa:

"…the Court observes that not all settled migrants, no matter how long they have been residing in the country from which they are to be expelled, necessarily enjoy "family life" there within the meaning of Article 8. However, as Article 8 also protects the right to establish and develop relationships with other human beings and the outside world and can sometimes embrace aspects of an individual's social identity, it must be accepted that the

[6] U ghalhekk is-sentenza **Maslov v. Austria** u r-referenza fiha ghad-direttiva 2003/109/EC huma proprjament irrelevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna.

totality of social ties between settled migrants and the community in which they are living constitutes part of the concept of "private life" within the meaning of Article 8. Regardless of the existence or otherwise of a "family life", the expulsion of a settled migrant therefore constitutes an interference with his or her right to respect for private life. It will depend on the circumstances of the particular case whether it is appropriate for the Court to focus on the "family life" rather than the "private life" aspect…".[7]

**12.** Mill-provi, in fatti, jirrizulta li l-veru lment ta' Hasan Hasan hu li meta jmur barra minn Malta – kif effettivament sa issa jidher li mar (wahdu) diversi drabi biex jara l-familjari tieghu fis-Sirja – biex japplika ghal visa ikollu hafna *hassle* jew skarigg. Fi kliemu stess: "Biex napplika lura minn gos-Sirja ha jkolli hafna skarigg u minn post ghall-iehor. Jien nghid li jkollna l-festa tal-Musulman, fir-rahal tieghi u Damaskus hemm 400 kilometru. Il-problema tieghi kienet biex inkun nista' nidhol u nohrog, nohrog u nidhol kollox b'mod regolari"[8].

**13.** Issa, kif gie diversi drabi ritenut, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jaghti *per se* ebda dritt li persuna li tirrisjedi f'post flok post iehor. Fi kliem Karen Reid (***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** 2004, Sweet & Maxwell, London):

"The principles governing the extent of the State's obligation to admit spouses is laid down by the Court in *Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom*:

- There is no general obligation on a Contracting State to respect the choice of married couples as to the country of matrimonial residence;
- States enjoy a wide margin of appreciation;
- it is relevant whether there are obstacles to establishing the marital home elsewhere, in the country of the spouse or the applicant's own origin or whether there

[7] **Maslov v. Austria** 23 ta' Gunju 2008, para. 63.
[8] Fol. 23 tal-atti.

are any special reasons why they should not be expected to do so;

- it is relevant whether, when marrying, they were aware of the problems of entry and limited leave situation.

"Since in *Abdulaziz* there were no obstacles or special reasons and the couples were aware of their problematic immigration status at the time of the marriage, no violation of Art. 8 was found. It remains to be seen what relevance would or should be given to a situation where an applicant married in circumstances where neither spouse knew the problems of immigration status, Arguably, they would have to give a convincing explanation for ignorance of a potential problem. It is not obvious however that expectations at the time of marriage could ever play a significant role in finding a violation."[9]

**14.** Fil-kaz in dizamina, kull ma sehh kien li, konformement mal-Artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217, Hasan Hasan tnehhielu mill-passaport tieghu l-istatus ta' *exempt person*. B'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li dan il-fatt *per se* jammonta ghal lezjoni tad-dritt tutelat bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u aktar u aktar, li dan il-fatt jammonta ghal "trattament inuman jew degradanti" bi ksur tal-Artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni. Dwar l-imsemmi Artikolu 3, din il-Qorti tosserva li filwaqt li fir-rikors promotorju dan it-trattament kien abbinat biss mal-interrogatorju li sar tar-rikorrenti ghalbiex l-awtoritajiet jikkonfermaw li fil-fatt l-imsemmija rikorrenti ma kienux qed jghixu flimkien, fir-rikors tal-appell l-appellanti qed jippruvaw jispustaw il-posti u jirreferu anke ghall-fatt li issa z-zwieg taghhom sar wiehed "aleatorju" ghax "jiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni". Kif inghad, f'dawn il-proceduri, hlief ghall-prova li l-appellanti kienu qed jghixu separatament, ma ingabet ebda prova li fir-realta` f'dan il-kaz kien hemm xi tip ta' "family life", jew, per ezempju li r-rikorrent Hasan Hasan ghandu xi rabtiet mal-familja ta' Vassallo, jew li huwa

[9] Para. IIB-244, p. 379.

ghandu xi rabtiet fil-komunita`. Mid-Dokument SZ1, ezibit a fol. 35, li huwa resokont tal-interrogatorju (separat) li sar tal-appellanti mill-awtoritajiet tal-immmigrazzjoni, jirrizulta li Vassallo ghandha tifla ta’ 7 snin minn persuna ohra, u li din it-tifla ma tirrisjedix fid-dar matrimonjali, jew suppost dar matrimonjali, tar-rikorrenti. Kollox jindika li hawn si tratta ta’ zwieg ta’ konvenjenza bejn ir-rikorrenti. Anqas jirrizulta li bit-tnehhija tal-istatus ta’ *exempt person*, jew wara tali tnehhija, r-rikorrent Hasan Hasan ma thalliex jidhol Malta fuq visa jew ma thalliex jahdem.

**15.** Ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 2 tar-Raba’ Protokoll, din id-disposizzjoni tirreferi ghal meta persuna tkun legalment fit-territorju ta’ Stat kontraent tal-Konvenzjoni – meta hija tkun hekk legalment f’dan it-territorju, hija ghandha tkun libera li tmur fejn trid f’dak it-territorju (salv ghar-restrizzjonijiet imsemmija fis-subartikoli (3) u (4)), kif ukoll libera li tistabilixxi r-residenza taghha fejn trid, dejjem f’dak it-territorju. Kif spjegat fir-raba’ edizzjoni ta’ ***Jacobs & White: The European Convention on Human Rights***, OUP, 2006:

“The reference, in Article 2(1), to ‘Everyone lawfully within the territory of the State’ includes all that State’s nationals present within its territory since it follows from the provisions of Article 3 [of the Fourth Protocol] that, subject to the possible exception of extradition, the presence of persons in the State of which they are a national cannot be unlawful. As for persons who are not nationals, they are lawfully within the territory so long as they comply with any conditions of entry that may have been imposed. Such conditions may, of course, include restrictions as to the length of stay, after the expiry of which their presence will be unlawful. But it is argued that, subject to the limitations permitted under paragraphs 3 and 4, these conditions cannot, under Article 2(1), include any restrictions on their liberty of movement, or on their freedm to choose their residence.”[10]

[10] Pagna 402.

**16.** Fil-kaz in dizamina, minn imkien ma jirrizulta li Hasan Hasan jew Ramona nee Vassallo b'xi mod gew ristretti fil-moviment taghhom f'Malta jew li gew ristretti fil-post fil-post fejn huma jirrisjedu. Din id-disposizzjoni zzefnet fin-nofs mir-rikorrenti ghalxejn.

**<u>Decide</u>**

**17.** Ghal dawn il-motivi, u ghalhekk mhux neccessarjament ghall-istess ragunijiet tal-ewwel Qorti, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu cahdet it-talbiet tar-rikorrenti kif migjuba fir-rikors promotorju taghhom. Spejjez ghall-appellanti solidament bejniethom. U peress li, kif inghad, din il-Qorti tqis l-appell bhala wiehed fieragh, wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti solidament bejniethom ihallsu lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------